Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-HAMSA U SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 9 ta' Novembru 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 9.00pm |

**KULHADD KIEN PREZENTI U FIL-HIN. IS-SUR JOHN BONNICI NFURMA L-KUNSILL LI MINHABBA LI KIEN SE JIGI OPERAT MA SETGHAX JATTENDI U GIE SKUZAT.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| **SKUZAT** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**
Is-Sur Cordina ssopenda l-laqgha sabiex jitkellmu membri mill-Kumitat 'La Stella Levantina'. Dawn ressqu proposta rigward ritratti mal-Christmas Father fil-Pjazza u bejgh ta' kejkijiet, qaghaq, imqaret, xi hadd jahdem l-artiggjanat bhac-Ceramisti tal-Alka etc. Is-Sur Mark Spiteri qal li diga' hemm il-hsieb li tintrama' sigra tal-Milied fil-Pjazza u li se jsir Bazaar. Is-Sur Cordina qal li kif qal tajjeb is-Sur Spiteri bhas-sena l-ohra, ha jerga' jsir Bazaar b'risq il-MCCF. Ge deciz li jigi kkuntatjat is-Sur Mario camilleri sabiex jingabu xi stands. Goie proponut ukoll mis-Sur Spiteri li dawn jigu offruti b'mizata zghira lill-bejjiegha. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li jekk il-Kunsill ghandu l-hila jgib l-istands b'xejn u ngibu hafna affarijiet b'donazzjoni ahjar dawn jinbieghu mill-Kunsill u jmorru kollha ghall-MCCF milli jaghmel qliegh haddiehor. Iktar minn hekk din l-attivita' mhi ha tiswa xejn flus lill-Kunsill. Din is-sena wkoll, il-Kunsill se jzid l-armar fil-Pjazza u dan se jsir mill-Ghaqda Armar Mastru Karm Debono ghall-spiza ta' mhux iktar minn €570 ghall-tlett Xmas Trees.

### 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI
Il-minuti gew approvati bla korrezzjonijiet.

### 2. KORRISPONDENZA
🗁 E-mail minghand is-Sur Ramon Deguara rigward ilmenti fuq il-gbir ta' Skart Goff. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat x'inhi l-procedura li qed tigi adottata ghall-gbir ta' skart fejn residenti li jkollhom affarijiet zghar qed jigu nkorragguti jirriciklaw w'ghaldaqstant imorru bihom l-Imriehel. Minn banda l-ohra hi qalet li l-problema kollha ddur li l-Gbir ta' Skart Goff qed jingabar mal-iskart Domestiku u qed jithallat. Ovvjament items goffi bhall-fridges, freezers etc qed jittiehdu separatament. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li trid tinstab soluzzjoni. Il-piz veru naqas imma kif qeghda s-sistema ta' gbir ta' skart goff bhalissa hija vijabbli ghall-Kunsill bhalha hlas imma mhux servizz eccellenti ghar-residenti. Kien ikun ahjar li kieku l-Kunsill ihallas it-tipping fees skond il-piz u mhux bhalma qed isir bhalissa mizata u daqshekk. Dan kien jghin biex issir ronda ghall-Bulky separata, u l-materjal jigi ricikklat. Din is-sitwazzjoni ghad m'ghandhiex soluzzjoni hlief li jekk ikun il-kaz il-kuntrattur ikun irid jaghmel ronda separata. Is-Segretarju ha taghmel appuntament mal-kuntrattur.

🗁 E-mail b'kopja ta' ittra li dehret fit-Times minghand is-Sur Anthony Galea rigward ilment fuq gbir ta' Skart Goff.
🗁 E-mail minghand is-Sezzjoni Investigazzjonijiet Kriminali sabiex issir laqgha mal-Ispettur. Jekk hu il-kaz din il-laqgha ser tinzamm.
🗁 E-mail minghand Jasper de Trafford rigward talba ghall-bankina u problemi ta' parkegg u traffiku. Rigward traffiku u parkegg dawn diga' qed jinghataw l-attenzjoni mehtiega u hemm talba pendenti ghall-*residents' parking scheme*. Din qed issir studju fuqha sabiex tigi attwata. Rigward it-talba ghall-bankina din ma gietx accettata minhabba li ddejjaq hafna t-triq minn kif inhi.
🗁 E-mail u statistika migbura rigward l-elezzjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2012. Skond l-informazzjoni migbura u skond il-ligi l-Kunsilliera fl-elezzjinijiet li jmiss se jkunu disgha.
🗁 E-mail minghand Fondazzjoni Majjistral fejn il-Kunsill ghat-tieni darba konsekuttiva gie nfurmat dwar attivita' it-Tnejn, 10 t'Ottubru fis-1.32pm u din kellha ssir il-pitghada fil-hamsa. Monhabba li ma kienx hemm zmien bizzejjed hadd m'attenda ghal din l-attivita'.
🗁 Ittra minghand is-Sur Roger Clark. Is-Sur Cassar qara l-ittra u s-Sur Spiteri xtaq jistaqsi domanda wahda jekk il-Perit iccertifikax it-triq fi stat tajjeb. Is-Sur Cordina qal li l-Perit diga' gie nfurmat u li ha jsir core test dalwaqt ghalkemm ga jidher li triq hi fi stat tajjeb. Wara li jigi solvut il-kwistjoni pendenti tal-konok dan il-kaz se jitqies bhala maghluq.

## 3. RAPPORTI – XOGHOLIJIET

Is-Sur Cordina nforma l-Kunsill fuq l-andament tax-xoghol fi Gnien Hal Warda. Hu qal li hemm xi differenza fil-prezzijiet tal-porfido imma din l-istima ghalkemm qed tinhadem mill-Perit mhix drastika u giet accettata. Is-Sur Cordina qal li kellu laqgha ms-Sur Josie Brincat rigward Triq il-Linja, Triq Sant'Anton u t-Traffic Lights sabiex jigi synchronised quddiem iz-Zodiac Furniture. Hu qal li se jsiru xi xogholijiet mill-haddiema tal-Gvern li rnexxielu jgib b'xejn hdejn l-iScotts fi Triq Lorenzo' Manche'. Qal ukoll li saru xi xoghlijiet fuq il-bankina hdejn Benny's Antiques. Is-Sur Ralph Cassar qal li hemm bzonn li f'din l-area isir velocity sign li jibda jibbleapja kull meta tghaddi xi karozza sparata f'din l-area sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gieli gara fejn karozzi jispiccaw imkahhla mal-crash barrier faccata.
Is-Sur Cordina qal ukoll li ha titwessa' l-area fejn hemm il-bankijiet fil-qasam tal-bini tal-gvern fuq talba tal-istess residenti ghal iktar bankijiet

## 4. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET OTTUBRU

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-hlasijiet t'Ottubru. Dawn gew approvati

## 5. MOZZJONI VELOCITA

Din il-Mozzjoni li tinsab annessa ma' dawn il-minuti giet moqrija mis-Sur Ralph Cassar u ssekondata mis-Sur Stefan Cordina. Din il-mozzjoni ghaddiet unanimament u ghandha tintbaghat ittra lit-Transport Malta sabiex tigi approvata.

## 6. GEMELLAGG

Is-Sur Remigio Bartolo qal li xtaq li jergghu jinfethu it-trattati u jigi mibdi mill-gdid gemellagg iehor jekk jista' jkun ma' lokalita ohra. Hu qal li Pieve Emanuele hija fuq skala differenti minn dak li ghandna ahna u ma tantx hemm wisq x'tista' toffrilna. Qal ukoll li mill-kuntatti li ghandu hu ma' bliet barranin, jista' jsib belt ohra li tkun disposta tiggemella maghna. Rapport fuq dan ha jigi mhejji u mghoddi iktar 'l quddiem. Is-Sur Cordina qal ukoll li recentement kellu vizita ta' kortezija minghand l-Ambaxxatrici Tunezina fejn din ukoll esprimiet ix-xewqa li lokalita mit-Tunezija li fiha jghixu hafna Maltin, tigi ggemellata ma' H'Attard. Din ix-xewqa ser tigi kkunsidrata u se jigi iffissat appuntament li ghalih se jattendu s-Sindku u s-Sur R. Bartolo..

## 7. GBIR TA' SKART KUMMERCJALI U BULKY REFUSE

Dan l-item gie diskuss

## 8. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Triq l-Insolja jinghataw poles 'Kun prudenti tipparkjax quddiem garaxxijiet'lir-residenti tal-area.
- Li titranta r-rotta 106 ghall-Universita. Is-Sur Cordina qal li suppost issa din qed twaqqaf l-istudenti kif suppost hdejn l-Universita
- Staqsa fuq x'kien gara rigward il-Parking bays ta' Triq il-Flora. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li peress li kien hemm oppozizzjonijiet li dawn isiru, dawn ma sarux wara konsultazzjoni diretta mir-residenti.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Li ir-rotta 202, 203 Nikola tieqaf H'Attard.
- Li titnaddaf l-area ta' Triq il-Pitkali minn fejn jispicca H'Attard sal-APS Bank
- Li titnaddar l-area ta' hdejn il-Bring in site ta' Dun Mikiel Xerri u jitnehha il-Palm infettat fl-istess area
- Fakkar fuq il-Bankina ta' Triq Tursin ir-Rih – Din diga ordnata
- Li fi Gnien l-iStazzjon hemm xi bozoz maqtughin
- Talab biex issir reminder lill-avukat Zammit Lewis sabiex jara infethitx il-kawza kontra sid il-Barriera

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Talab li il-106 tieqaf Triq Victor Vassallo hdejn il-Flats
- Li jitranga il-Hajt ta' hdejn la Patisserie, sabiex jieqfu jitfghu iz-zibel

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dan il-punti:

- Fakkar fuq il-President's Charity Fun Run sabiex kull min jista' jiehu sehem nhar l-4 ta' Dicembru .
- Ghandu donazzjoni ta' 10 sigriet u li meta dawn jigu moghtija lilu wiehed jaghzel fejn jigu mizrugha.
- Fakkar fuq il-Harga Kulturali ta' nhar is-27 ta' Novembru u li ghaliha kien hemm diga miktubin 16-il persuna. Jekkk dan l-ammont jizdied u jaqbez il-50 tigi ordnata coach jew minibus. .
- Li hemm bozza maqtugha quddiem id-dar tieghu
- Talab sabiex titnaddaf Triq il-Pitkali u l-area tal-madwar ftit iktar sew

.

Is-Sur Mark Anthony Spiteri qal li qabel ma jsir l-aggornament jixtieq jinforma lill-Kunsill li d-Dott. Luisa Gauci Baluci qaltlu li ma tistax tigi iktar ghall-laqghat nhar ta' Erbgha imma tista' nhar ta' Tnejn u Hamis dejjem jekk ix-xoghol jippermetti.

## 8. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fid-9.00pm ghas-7 ta' Dicembru 2011 jew il-gimgha ta' wara

| Sindku | Data |
| --- | --- |